DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/18/PESK

tal-14 ta' Jannar 2011

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire [1].

(2) Fit-13 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill enfasizza l-importanza tal-elezzjoni presidenzjali tal-31 ta' Ottubru u t-28 ta' Novembru 2010 sabiex jerġa' jkun hemm il-paċi u l-istabbiltà fil-Côte d'Ivoire u ddikjara li r-rieda li ntweriet b'mod sovran mill-poplu Ivorjan għandha tiġi rispettata b'mod obbligatorju.

(3) Fis-17 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill Ewropew appella lill-mexxejja Ivorjani kollha, kemm ċivili kif ukoll dawk militari li għadhom ma għamlux dan, biex jissottomettu ruħhom għall-awtorità tal-President elett demokratikament, is-Sur Alassan Outtara.

(4) Fit-22 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/801/PESK [2] li temenda d-Deċiżjoni 2010/656/PESK biex jiġu imposti restrizzjonijiet ta' vvjaġġar fuq dawk li jostakolaw il-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni nazzjonali u b'mod partikolari dawk li qiegħdin jheddu l-eżitu adatt tal-proċess elettorali.

(5) Fil-14 ta' Jannar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/17/PESK [3] li temenda d-Deċiżjoni 2010/656/PESK biex jiġu inklużi aktar persuni mal-lista ta' persuni soġġetti għal restrizzjonijiet ta' vvjaġġar.

(6) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire, għandhom jiġu imposti miżuri restrittivi addizzjonali fuq dawk il-persuni.

(7) Barra minn hekk, il-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi li tidher fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/656/PESK għandha tiġi emendata u l-informazzjoni relatata ma' ċerti persuni fuq il-lista għandha tiġi aġġornata.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/656/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li huma l-proprjetà ta' jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, minn:

(a) persuni msemmija fl-Anness I innominati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u msemmija fl-Artikolu 4(1)(a), jew li huma miżmuma minn entitajiet li huma fil-pussess ta' jew ikkontrollati direttament jew indirettament minnhom jew minn kwalunkwe persuna li qiegħda taġixxi f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, kif identifikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;

(b) persuni jew entitajiet imsemmija fl-Anness II, li mhumiex inklużi fil-lista li tinsab fl-Anness I u li jostakolaw il-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni nazzjonali, u b'mod partikolari dawk li jheddu l-eżitu adatt tal-proċess elettorali, jew li huma miżmuma minn entitajiet li huma fil-pussess ta' jew ikkontrollati direttament jew indirettament minnhom jew minn kwalunkwe persuna li qiegħda taġixxi f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom,

għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond, ass finanzjarju jew riżors ekonomiku ma għandu jsir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju tal-persuni jew l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. L-Isati Membri jistgħu jippermettu eżenzjonijiet mill-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 fir-rigward ta' fondi u riżorsi ekonomiċi li huma:

(a) meħtieġa għal spejjeż bażiċi, inklużi ħlasijiet għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, poloz ta' assigurazzjoni, u ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsubin esklussivament għall-ħlas ta' drittijiet professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

[1] ĠU L 285, 30.10.2010, p. 28.
[2] ĠU L 341, 23.12.2010, p.45
[3] Ara paġna 31 ta' dan il-ĠU.

(c) maħsubin esklużivament għall-ħlas ta' onorarji jew kontijiet għal servizz, skont il-liġijiet nazzjonali, għal servizzi ta' rutina fiż-żamma jew il-manteniment ta' fondi ffriżati, jew riżorsi ekonomiċi;

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinajri;

(e) is-soġġett ta' sentenza jew garanzija ġuridika, amministrattiva jew arbitrali, li f'tali każ il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jistgħu jintużaw biex jissodisfaw dik il-garanzija jew sentenza sakemm il-garanzija jew is-sentenza kienet iskritta qabel ma l-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew il-Kunsill indika lill-persuna jew l-entità kkonċernata, u mhijiex għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija f'dan l-Artikolu.

Fir-rigward ta' persuni u entitajiet elenkati fl-Anness I:

— l-eżenzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il- paragrafu jistgħu isiru mill-Istat Membru kkonċernat wara notifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-intenzjoni tiegħu li jawtorizza, fejn adatt u f'nuqqas ta' deċiżjoni negattiva mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet fi żmien jumejn ta' ħidma minn tali notifika, aċċess għal tali fondi u riżorsi ekonomiċi.

— l-eżenzjoni msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu tista' ssir mill-Istat Membru kkonċernat wara notifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u approvazzjoni minn dan tal-aħħar;

— l-eżenzjoni msemmija fil-punt (e) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu tista' ssir mill-Istat Membru kkonċernat wara notifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;

4. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu konklużi jew li rriżultaw qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri restrittivi skont il-Pożizzjoni Komuni 2004/852/PESK jew din id-Deċiżjoni,

dment li tali imgħax, qligħ u ħlasijiet oħra jkomplu jkunu soġġetti għall-paragrafu 1.";

2. L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

2. Għandha tiġi riveduta, emendata jew imħassra, kif ikun xieraq, f'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

3. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) u 5(1)(b) għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari u mill-inqas kull 12-il xahar. Huma m'għandhomx jibqgħu japplikaw fir-rigward tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jekk il-Kunsill jistabbilixxi, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(2) li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tagħhom m'għadhomx jiġu sodisfatti.".

Artikolu 2

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/656/PESK hu sostitwit bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Jannar 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

J. MARTONYI

ANNESS

"ANNESS II

Lista tal-persuni u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 4(1)(b) u 5(1)(b)

A. *Persuni*

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
1.	Is-Sur Pascal Affi N'Guessan	Imwieled fl-1 ta' Jannar 1953, f'Bouadikro; numru tal-passaport: PD-AE 09DD00013.	President tal-Front Popolari Ivorjan (FPI): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni; Inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza.
2.	Logutenent-Kurunell Nathanaël Ahouman Brouha	Imwieled fis-6 ta' Ġunju 1960.	Kmandant tar-Raggruppament għas-Sigurtà tal-Presidenza tar-Repubblika (GSPR). Responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
3.	Is-Sur Aké N'Gbo Gilbert Marie	Imwieled fit-8 ta' Ottubru 1955 f'Abidjan Numru tal-passaport: 08 AA 61107 (skadenza t-2 ta' April 2014)	Allegatament Prim Ministru u Ministru tal-Ippjanar u l-Iżvilupp: Parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
4.	Is-Sur Pierre Israël Amessan Brou		Direttur Ġenerali tar-Radju u t-Televiżjoni Ivorjani (RTI): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz ta' inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza u permezz tal-parteċipazzjoni f'kampanji ta' informazzjoni żbaljata fir-rigward tal-elezzjoni presidenzjali tal-2010.
5.	Is-Sur Frank Anderson Kouassi		President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Komunikazzjoni Awdjoviżiva (CNCA): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz ta' inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza u permezz tal-parteċipazzjoni f'kampanji ta' informazzjoni żbaljata fir-rigward tal-elezzjoni presidenzjali tal-2010; personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
6.	Is-Sinjura Nadiana Bamba	Imwielda fit-13 ta' Ġunju 1974 f'Abidjan Numru tal-passaport: PD - AE 061 FP 04	Direttriċi tal-Grupp Ċiklun, editriċi tal-Ġurnal 'Le Temps':Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz ta' inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza u permezz tal-parteċipazzjoni f'kampanji ta' informazzjoni żbaljata fir-rigward tal-elezzjoni presidenzjali tal-2010.
7.	Is-Sur Kadet Bertin	Imwieled qrib l-1957 f'Mama.	Kunsillier għas-Sigurtà tas-Sur Gbagbo: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni, personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament. Provokatur ta' movimenti ta' ripressjoni u intimidazzjoni.

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
8.	Ġeneral Dogbo Blé	Imwieled fit-2 ta' Frar 1959 f'Daloa.	Kap tal-korp tal-Gwardja repubblikana: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni; responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
9.	Is-Sur Bohoun Bouabré Paul Antoine	Imwieled fid-9 ta' Frar 1957, f'Issia Numru tal-passaport: PD AE 015 FO 02	Ex Ministru tal-Istat, responsabbi għall-FPI: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni, jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali.
10.	Uffiċjal distrettwali Oulaï Delefosse	Imwieled fit-28 ta' Ottubru 1968	Responsabbli għall-Unjoni Patrijotika ta' Reżistenza tal-Grand Ouest (UPRGO): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz tan-nuqqas ta' diżarm u għax irrifjuta li jpoġġi lilu nnifsu taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
11.	Ammiral Vagba Faussignau	Imwieled fil-31 ta' Diċembru 1954 - f'Bobia.	Kmandant tal-Marina Ivorjana - Sotto kap tal-Persunal tal-Istat Maġġuri: Responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
12.	Pasteur Gammi		Kap tal-Moviment Ivorjan għal-Liberazzjoni tal-Punent (MILOCI): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz tan-nuqqas ta' diżarm u għax irrifjuta li jpoġġi lilu nnifsu taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
13.	Is-Sur Laurent Gbagbo	Imwieled fil-31 ta' Mejju 1945 f'Gagnoa	Allegatament President tar-Repubblika: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni, jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali.
14.	Is-Sinjura Simone Gbagbo	Imwielda fl-20 ta' Ġunju 1949 f'Moossou	President tal-grupp tal-Front Popolari Ivorjan (FPI) fl-Assemblea Ġenerali: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni; inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza.
15.	Ġeneral Guiai Bi Poin	Imwieled fil-31 ta' Diċembru 1954 f'Gounela.	Kap tas-CECOS (Ċentru tal-Kmand tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni; responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
16.	Is-Sur Denis Maho Glofiei	Imwieled f'Val de Marne	Responsabbli mill-Front ta' Liberazzjoni tal-Grand Ouest (FLGO): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz tan-nuqqas ta' diżarm u għax irrifjuta li jpoġġi lilu nnifsu taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
17.	Kaptan Anselme Séka Yapo	Imwieled fit-2 ta' Mejju 1973 f'Adzopé	Gwardja tal-korp tas-Sinjura Gbagbo: Responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
18.	Is-Sur Désiré Tagro	Imwieled fis-27 ta' Jannar 1959 f'Issia Numru tal-passaport: PD - AE 065FH08.	Segretarju Ġenerali tal-allegata 'Presidenza' tas-Sur Gbagbo: Parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo, jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali. Implikat fir-repressjonijiet vjolenti tal-movimenti popolari ta' Frar, Novembru u Diċembru 2010.
19.	Is-Sur Yao N'Dré	Imwieled fid-29 ta' Diċembru 1956.	President tal-Kunsill Kostituzzjonali: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni, jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali. personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
20.	Is-Sur Yanon Yapo		Allegatament Għassies tas-Siġilli, Ministru tal-Ġustizzja u d-Drittijiet tal-Bniedem: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
21.	Is-Sur Dogou Alain	Imwieled fis-16 ta' Lulju 1964 f'Aboisso Numru tal-passaport: PD-AE/053FR05 (data ta' skadenza s-27 ta' Mejju 2011)	Allegatament Ministru tad-Difiża u s-Servizz Pubbliku: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
22.	Is-Sur Emile Guiriéoulou	Imwieled fl-1 ta' Jannar 1949 f'Guiglo Numru tal-passaport: PD-AE/008GO03 (data ta' skadenza l-14 ta' Marzu 2013)	Allegatament Ministru tal-Intern: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
23.	Is-Sur Charles Désiré Noël Laurent Dallo	Imwieled fit-23 ta' Diċembru 1955 f'Gagnoa Numru tal-passaport: 08AA19843 (data ta' skadenza t-13 ta' Ottubru 2013)	Allegatament Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
24.	Is-Sur Augustin Kouadio Komoé	Imwieled fid-19 ta' Settembru 1961 f'Kokomain Numru tal-passaport: PD-AE/010GO03 (data ta' skadenza l-14 ta' Marzu 2013)	Allegatament Ministru tal-Minjieri u l-Enerġija: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
25.	Is-Sinjura Christine Adjobi Nebout (magħrufa bħala Aya Christine Rosalie Adjobi mwielda Nebout)	Imwielda fl-24 ta' Lulju 1949 f'Grand Bassam Numru tal-passaport: PD-AE/017FY12 (data ta' skadenza l-14 ta' Diċembru 2011)	Allegatament Ministru tas-Saħħa u tal-ġlieda kontra l-AIDS: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u tirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
26.	Is-Sur Yapo Atsé Benjamin	Imwieled fl-1 ta' Jannar 1951 f'Akoupé Numru tal-passaport: PD-AE/089GO04 (data ta' skadenza l-1 ta' April 2013); PS-AE/057AN06	Allegatament Ministru tal-Kostruzzjoni u l-Ippjanar Urban: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
27.	Is-Sur Coulibaly Issa Malick	Imwieled fid-19 ta' Awwissu 1953 f'Korhogo Numru tal-passaport: PD-AE/058GB05 (data ta' skadenza l-10 ta' Mejju 2012)	Allegatament Ministru tal-Agrikoltura: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
28.	Is-Sur Ahoua Don Mello	Imwieled fit-23 ta' Ġunju 1958 f'Bongouanou Numru tal-passaport: PD-AE/044GN02 (data ta' skadenza t-23 ta' Frar 2013)	Allegatament Ministru tat-Tagħmir u l-Istabbilizzazzjoni, Kelliem tal-Gvern: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
29.	Is-Sur N'Goua Abi Blaise		Allegatament Ministru tat-Trasport: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
30.	Is-Sinjura Anne Jacqueline Lohouès Oble	Imwielda fis-7 ta' Novembru 1950 f'Dabou Numru tal-passaport: PD-AE/050GU08 (data ta' skadenza l-4 ta' Awwissu 2013)	Allegatament Ministru tal-Edukazzjoni Nazzjonali: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u tirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
31.	Is-Sinjura Angèle Gnonsoa (magħrufa bħala Zon Sahon)	Imwielda fl-1 ta' Jannar 1940 f'Tai Numru tal-passaport: PD-AE/040ER05 (data ta' skadenza t-28 ta' Mejju 2012)	Allegatament Ministru tat-Tagħlim Tekniku: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u tirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
32.	Is-Sur Koffi Koffi Lazare		Allegatament Ministru tal-Ambjent, l-Ilma u l-Foresti: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
33.	Is-Sinjura Elisabeth Badjo Djékouri konjugi Dagbo Jeannie	Imwielda fl-24 ta' Diċembru 1971 f'Lakota Numru tal-passaporti: 08AA15517 (data ta' skadenza l-25 ta' Novembru 2013); PS-AE/040HD12 (data ta' skadenza l-1 ta' Diċembru 2011)	Allegatament Ministru tal-Funzjonijiet Pubbliċi: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u tirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
34.	Is-Sur Charles Blé Goudé	Imwieled fl-1 ta' Jannar 1972 f'Kpoh Passaport antik: DD-AE/088OH12	Allegatament Ministru taż-Żgħażagħ, it-Taħriġ Professjonali u l-Impjieġi, President tal-Kungress panAfrikan taż-Żgħażagħ u l-Patrijotti (COJEP): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo. Ta' min ifakkar: diġà soġġett għal sanzjonijiet mill-2005 'l hawn mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
35.	Is-Sur Philippe Attey	Imwieled fl-10 ta' Ottubru 1951 f'Agboville Passaport antik AE/32AH06	Allegatament Ministru tal-Industrija u l-Iżvilupp tas-Settur Privat: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
36.	Is-Sinjura Danièle Boni Claverie (ċittadina Franċiża u Ivorjana)		Allegatament Ministru tan-Nisa, il-Familja u t-Tfal: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u tirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal- parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo
37.	Is-Sur Ettien Amoikon		Allegatament Ministru tat-Teknika tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
38.	Is-Sur Ouattara Gnonzié		Allegatament Ministru tal-Komunikazzjoni: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
39.	Is-Sur Alphonse Voho Sahi	Imwieled fil-15 ta' Ġunju 1958 f'Gueyede Numru tal-passaport: PD-AE/066FP04 (data ta' skadenza l-1 ta' April 2011)	Allegatament Ministru tal-Kultura: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
40.	Is-Sur Kata Kéké (magħruf bħala Keke Joseph Kata)	Imwieled fl-1 ta' Jannar 1951 f'Daloa Numru tal-passaport: PD-AE/086FO02 (data ta' skadenza s-27 ta' Frar 2011)	Allegatament Ministru tar-Riċerka Xjentifika: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal- parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
41.	Is-Sur Franck Guéi	Imwieled fl-20 ta' Frar 1967 Numru tal-passaport: PD-AE/082GL12 (data ta' skadenza t-22 ta' Diċembru 2012)	Allegatament Ministru tal-Isport: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
42.	Is-Sur Touré Amara		Allegatament Ministru tal-Kummerċ: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
43.	Is-Sur Kouamé Sécré Richard		Allegatament Ministru tat-Turiżmu u l-Artiġjanat: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
44.	Is-Sinjura Anne Gnahouret Tatret		Allegatament Ministru tas-Solidarjetà, ir-Rikostruzzjoni u l-Koeżjoni Soċjali: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u tirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
45.	Is-Sur Nyamien Messou	Imwieled fl-20 ta' Ġunju 1954 f'Bongouanou Passaport antik PD-AE/056FE05 (data ta' skadenza d-29 ta' Mejju 2010)	Allegatament Ministru tax-Xogħol: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
46.	Is-Sur Koné Katina Justin		Allegatament Ministru delegat għall-Baġit: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
47.	Is-Sur N'guessan Yao Thomas		Allegatament Ministru delegat fil-Ministeru tal-Edukazzjoni Nazzjonali responsabbli għall-Edukazzjoni Għolja: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
48.	Is-Sinjura Lago Daléba Loan Odette	Imwielda fl-1 ta' Jannar 1955 f'Floleu Numru tal-passaport: 08AA68945 (data ta' skadenza d-29 ta' April 2014)	Allegatament Segretarja tal-Istat responsabbli għall-ħajja skolastika u dik tal-istudenti: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u tirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
49.	Is-Sur Georges Armand Alexis Ouégnin	Imwieled fis-27 ta' Awwissu 1953 f'Bouaké Numru tal-passaport: 08AA59267 (data ta' skadenza l-24 ta' Marzu 2014)	Allegatament Segretarju tal-Istat responsabbli għall-Assigurazzjoni tas-Saħħa Universali: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
50.	Is-Sur Dogo Djéréké Raphaël		Allegatament Segretarju tal-Istat responsabbli għall-persuni b'diżabbiltà: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
51.	Is-Sur Dosso Charles Radel Durando		Allegatament Segretarju tal-Istat responsabbli għall-Vittmi tal-Gwerra: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
52.	Is-Sur Timothée Ahoua N'Guetta	Imwieled fil-25 ta' April 1931 f'Aboisso Numru tal-passaport: PD-AE/084FK10 (data ta' skadenza l-20 ta' Ottubru 2013)	Membru tal-Kunsill Kostituzzjonali: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni, jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali; personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
53.	Is-Sur Jacques André Daligou Monoko		Membru tal-Kunsill Kostituzzjonali: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni, jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali; personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
54.	Is-Sur Bruno Walé Ekpo		Membru tal-Kunsill Kostituzzjonali: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni, jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali; personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
55.	Is-Sur Félix Tano Kouakou	Imwieled fit-12 ta' Marzu 1959 f'Ouelle Numru tal-passaport: PD-AE/091FD05 (data ta' skadenza t-13 ta' Mejju 2010)	Membru tal-Kunsill Kostituzzjonali: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni, jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali; personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
56.	Is-Sinjura Hortense Kouassi Angoran		Membru tal-Kunsill Kostituzzjonali: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni, tirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali; personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
57.	Is-Sinjura Joséphine Suzanne Touré	Imwielda fit-28 ta' Frar 1972 f'Abidjan Numru tal-passaport: PD-AE/032GL12 (data ta' skadenza s-7 ta' Diċembru 2012); 08AA62264 (data ta' skadenza s-6 ta' April 2014)	Membru tal-Kunsill Kostituzzjonali: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni, tirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali; personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
58.	Is-Sur Konaté Navigué	Imwieled fl-4 ta' Marzu 1974 f'Tindara Numru tal-passaport: PD-AE/076FE06 (data ta' skadenza l-5 ta' Ġunju 2010)	President taż-żgħażagħ tal-FPI (Front Popolari Ivorjan): Inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza.
59.	Is-Sur Patrice Baï		Konsulent tas-Sigurtà tal-ex President Gbagbo: Jikkoordina l-azzjonijiet ta' intimidazzjoni tal-avversarji; personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
60.	Is-Sur Marcel Gossio	Imwieled fit-18 ta' Frar 1951 f'Adjamé Numru tal-passaport: 08AA14345 (data ta' skadenza s-6 ta' Ottubru 2013)	Direttur Ġenerali tal-Port Awtonomu ta' Abidjan: Personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament; jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.
61.	Is-Sur Alphonse Mangly (magħruf bħala Mangley)	Imwieled fl-1 ta' Jannar 1958 f'Danané Numru tal-passaport: 04LE57580 (data ta' skadenza s-16 ta' Ġunju 2011); PD-AE/077HK08 (data ta' skadenza t-3 ta' Awwissu 2012); PD-AE/065GK11 (data ta' skadenza l-15 ta' Novembru 2012) PD-AE/065GK11 (data ta' skadenza l-15 ta' Novembru 2012)	Direttur Ġenerali tad-Dwana: Personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament; jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
62.	Is-Sur Marc Gnatoa		Kap tal-FSCO (Front ta' sigurtà tal-Punent Ċentrali): Ipparteċipa f'azzjonijiet ta' repressjoni. Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz tan-nuqqas ta' diżarm u għax irrifjuta li jpoġġi lilu nnifsu taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
63.	Is-Sur Moussa Touré Zéguen	Imwieled fid-9 ta' Settembru 1944 Passaport antik: AE/46CR05	Segretarju Ġenerali tal-GPP (Raggruppament ta' Patrijotti għall-Paċi): Responsabbli għall-Milizzja. Ipparteċipa fir-repressjonijiet wara t-tieni rawnd tal-elezzjoni presidenzjali. Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz tan-nuqqas ta' diżarm u għax irrifjuta li jpoġġi lilu nnifsu taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
64.	Is-Sinjura Bro Grébé Geneviève mwieldaYobou	Imwielda fit-13 ta' Marzu 1953 f'Grand Alepé Numru tal-passaport: PD-AE/072ER06 (data ta' skadenza s-6 ta' Ġunju 2012)	President tan-Nisa Patrijottiċi tal-Côte d'Ivoire: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz ta' inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza.
65.	Is-Sinjura Lorougnon Souhonon Marie Odette mwielda Gnabri		Segretarja Nazzjonali tan-nisa tal-FPI (Front Popolari Ivorjan): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz ta' inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza.
66.	Is-Sur Felix Nanihio		Segretarju Ġenerali tal-CNCA (Kunsill Nazzjonali tal-Komunikazzjoni Awdjoviżiva): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz ta' inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza u permezz tal-parteċipazzjoni f'kampanji ta' informazzjoni żbaljata fir-rigward tal-elezzjoni presidenzjali tal-2010; personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
67.	Is-Sur Stéphane Kipré		Direttur tal-pubblikazzjoni tal-ġurnal *Le Quotidien* ta' Abidjan: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz ta' inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza u permezz tal-parteċipazzjoni f'kampanji ta' informazzjoni żbaljata fir-rigward tal-elezzjoni presidenzjali tal-2010.
68.	Is-Sur Lahoua Souanga Etienne (magħruf bħala César Etou)		Direttur tal-pubblikazzjoni u Editur tal-ġurnal *Notre Voie*: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz ta' inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza u permezz tal-parteċipazzjoni f'kampanji ta' informazzjoni żbaljata fir-rigward tal-elezzjoni presidenzjali tal-2010.
69.	Is-Sur Jean Baptiste Akrou	Imwieled fl-1 ta' Jannar 1956 f'Yamoussoukro Numru tal-passaport: 08AA15000 (data ta' skadenza l-5 ta' Ottubru 2013)	Direttur Ġenerali tal-ġurnal *Fraternité Matin*: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz ta' inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza u permezz tal-parteċipazzjoni f'kampanji ta' informazzjoni żbaljata fir-rigward tal-elezzjoni presidenzjali tal-2010.

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
70.	Ġeneral tal-Korp tal-Armata Philippe Mangou		Kap tal-Istat Maġġur tal-Armati: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni; responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
71.	Ġeneral Affro (gendarmerie)		Viċi Kap Kmandant tal-Gendarmerie: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni; responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
72.	Is-Sur Ottro Laurent Zirignon	Imwieled fl-1 ta' Jannar 1943 f'Gagnoa Numru tal-passaport: 08AB47683 (data ta' skadenza s-26 ta' Jannar 2015); PD-AE/062FR06 (data ta' skadenza l-1 ta' Ġunju 2011); 97LB96734	President tal-Kunsill ta' Amministrazzjoni tas-Soċjetà Ivorjana tar-Raffinar (SIR): Personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament; jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.
73.	Is-Sur Kassoum Fadika	Imwieled fis-7 ta' Ġunju 1962 f'Man Numru tal-passaport: 08AA57836 (data ta' skadenza l-1 ta' April 2014)	Direttur ta' PETROCI: Personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament; jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.
74.	Is-Sinjura Djédjé Mama Ohoua Simone	Imwielda fl-1 ta' Jannar 1957 f'Zialegrehoa jew f'Gagnoa Numru tal-passaport: 08AA23624 (data ta' skadenza t-22 ta' Ottubru 2013); PD-AE/006FR05	Direttur Ġenerali tat-Teżor: Personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament; jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.
75.	Is-Sur Kessé Feh Lambert	Imwieled fit-22 ta' Novembru 1948 f'Gbonne Numru tal-passaport: PD-AE/047FP03 (data ta' skadenza s-26 ta' Marzu 2011)	Direttur Ġenerali tat-Taxxi: Personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament; jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.
76.	Is-Sur Aubert Zohoré		Konsulent speċjali tas-Sur Gbagbo għal kwistjonijiet ekonomiċi: Personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
77.	Is-Sur Thierry Legré		Membru tal-Moviment taż-żgħażagħ patrijottiċi: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz ta' inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza.
78.	Ġeneral tal-Korp tal-Armata Kassaraté Edouard Tiapé		Kap Kmandant tal-Gendarmerie: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni; responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
79.	Kurunell Maġġur Babri Gohourou Hilaire		Kelliem tal-Forzi tas-Sigurtà tal-Côte d'Ivoire: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni; Inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
80.	Kummissarju tad-Diviżjoni Yoro Claude		Direttur tal-Unitajiet ta' Intervenzjoni tal-Pulizija Nazzjonali: Responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
81.	Kummissarju Prinċipali Loba Gnango Emmanuel Patrick		Kmandant tal-Brigata kontra l-Irvellijiet (BAE): Responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
82.	Kaptan Guei Badia		Bażi marittima -Marina Nazzjonali: Responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
83.	Logutenent Ourigou Bawa		Bażi marittima -Marina Nazzjonali: Responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
84.	Kummissarju Prinċipali Joachim Robe Gogo		Kap tal-operazzjonijiet taċ-Ċentru ta' Kmand tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà (CECOS): Responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
85.	Is-Sur Gilbert Anoh N'Guessan		President tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Qasam tal-Kafé u l-Kawkaw (CGFCC): Personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament; jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.

B. *Entitajiet*

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
1.	PETROCI (Soċjetà Nazzjonali tal-Operazzjonijiet Petroliferi tal-Côte d'Ivoire)	Abidjan Plateau, Immeuble les Hévéas - 14 boulevard Carde	Tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.
2.	SIR (Soċjetà Ivorjana tar-Raffinar)	Abidjan Port Bouët, Route de Vridi – Boulevard de Petit Bassam	Tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.
3.	Port Awtonomu ta' Abidjan	Abidjan Vridi, Zone portuaire	Jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
4.	Port Awtonomu ta' San Pedro	San Pedro, Zone portuaire Rappreżentanza f'Abidjan: Immeuble Ancien Monoprix, face Gare Sud Plateau - 1er Etage côté Rue du Commerce	Jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.
5.	BNI (Bank Nazzjonali tal-Investiment)	Abidjan Plateau, Avenue Marchand – Immeuble SCIAM	Jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.
6.	BFA (Bank għall-Finanzjament tal-Agrikoltura)	Abidjan Plateau, Rue Lecoeur – Immeuble Alliance B, 2ème – 4ème étage	Jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.
7.	Bank Versus	Abidjan Plateau, Avenue Botreau Roussel – Immeuble CRRAE UMOA, derrière la BCEAO, face à la rue des Banques	Jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.
8.	CGFCC (Kumitat ta' Ġestjoni tal-Qasam tal-Kafé u l-Kawkaw)	Abidjan Plateau - Immeuble CAISTAB, 23ème étage	Jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.
9.	APROCANCI (Assoċjazzjoni ta' Produtturi ta' Gomma Naturali tal-Côte d'Ivoire)	Cocody II Plateau Boulevard Latrille – Sicogi, bloc A Bâtiment D 1er étage	Tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.
10.	SOGEPE (Soċjetà għall-ġestjoni tal-patrimonju tal-enerġija elettrika)	Abidjan Plateau, Place de la République - Immeuble EECI, 15ème étage	Tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-amministrazzjoni illeġittima tas-Sur Laurent Gbagbo.
11.	RTI (Radjudiffużjoni Televiżjoni Ivorjani)	Cocody Boulevard des Martyrs, 08 - BP 883 - Abidjan 08 - Côte d'Ivoire	Inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza permezz tal-parteċipazzjoni f'kampanji ta' informazzjoni żbaljata fir-rigward tal-elezzjoni presidenzjali tal-2010."